MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## YANA MICALLEF STAFRACE

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Talba Numru. 68/2010

**Michael Balzan Limited C 15764**

**vs**

**Kurt Galea Pace ID 243667 M**

**It-Tribunal,**

## I PRELIMINARI

**Ra** li f'dan l-AVVIZ is-socjeta' attrici qed **titlob** li l-konvenut jigi kundannat ihallasha elf, disa' mija, hdax il-Ewro u sittin centezmi (€1,911.60c) ghal bejgh, konsenja u stallazzjoni ta' bieb elettriku. Bl-ispejjes u mghaxijiet

**Ra** li r-RISPOSTA tal-konvenut hi fis-sens li m'ghandu jati xejn lis-socjeta' attrici billi qatt ma ordna xi bieb ta' garaxx.

## II PROVI

**1.** **<u>Michael Balzan</u>** ghas-socjeta’ attrici qal li l-kawza hi dwar bieb ta’ garaxx li l-konvenut ordna minghandhom, kif ghamel drabi ohra, biex iwahhalhom f’fond ta’ haddiehor. Darba, il-konvenut mar ghandhom ma klijent tieghu, ra bieb li ghogbu u ordnawh u ftehmu li jistallawh.

**2.** Waqt li qed jitkellem ftehmu fuq il-prezz u meta baghtlu l-kont kien jghid li se jmur ihallas izda qatt ma mar. Gieli kkomunika mieghu bit-telefon jew sms u t-twegiba dejjem kienet tkun l-istess. Damu tliet xhur sejrin hekk.

**3.** Ilmenti dwar ix-xoghol qatt ma kellu. La minghand il-konvenut u anqas minghand il-klijent ta’ dan. Darba il-konvenut mar fl-ufficcju tas-socjeta’ sab lill-mara tax-xhud (illum nieqsa) u weghdha hlas fil-gimgha.

**4.** Ix-xhud kien anke offra lill-konvenut li jmur ghand il-klijent ta’ dan ha jara jigborx il-flus minghand dan izda l-konvenut qallu le. Pero sar jaf li lill-konvenut il-klijent ta’ dan kien hallsu. Hawn ix-xhud esebixxa fattura (Dok MB1 *a fol* 12) u ittra legai (Dok MB2 *a fol* 13) datata 14.12.2009.

**5.** Ix-xoghol twahhal ghand Manwel Schembri. Ma saritx “order form” u ma kien iffirma hadd ghax-xoghol. Il-konvenut kien qallu johrog il-kont fuqu u dan kien qed jaghmlu fuq parir legali. Ghall-hlas dejjem bl-iskuzi: jew m’ghandux *cheque book* fuqu, jew qieghed l-isptar ecc.

6. Qatt ma nnega li kellu jhallas hu hlief wara li bdiet il-kawza. Meta tkellem ma Schembri dan qallu li hu ga kien hallas lill-konvenut u li max-xhud ma kellux x’jaqsam hu.

7. **<u>Emanuel Schembri</u>** qal li kien xtara dar u qabbad lill-konvenut bhala *turnkey contractor*. Jaf li gie ordnat bieb ta’ garaxx minghand l-attur u halla f’idejn il-konvenut, **ghax hu ma kienx jghix Malta**, anke f’affarijiet ohra. Kien ihallas lill-konvneut bil-quddiem u jirrangaw wara u m’ghandu ebda lment dwar il-bieb.

8. F’okkazjoni meta kien Malta, il-konvenut qallu biex imorru ghand is-socjeta’ attrici ha jara l-materjal tal-bieb u accetta. **Hu m’ghamel ebda negozju ma Balzan.** Lill-konvenut kien itih flus akkont u jhallas il-konvenut. Kien anke **gera wara l-konvenut** dwar il-bieb meta hu kien hallas u l-bieb ma kienx stallat. Fil-fatt il-konvenut ghandu jroddlu flus ta’ oggetti li ma gewx stallati. Hemm *sub contractors* li ma thallsux.

9. Esebixxa email (dok Ms *a fol* 19) bejnu u l-konvenut dwar dan il-bieb u din tirrigwarda lil ohrajn dwar oggetti ohra wkoll. Spicca jghid li hu qatt ma dahal f’negozjar mas-*sub contractors.*

10. **<u>Kurt Galea Pace</u>**, konvenut qal li hu tqabbad minn E. Schembri bhala *turnkey project manager* fil-fond “Madonnina” fil-Kappara u tah lista shieha ta’ affarijiet. Gab il-haddiema l-konvenut u hejja *budget* ta’ LM16,000c. Kien, sussegwentement, alloka €350 ghal *bathroom*. Schembri ghazel li jnaqqas dan l-ammont mill-*budget* originali u jixtri kollox hu. Wara, Schembri ried izid billi jinkludi, fost affarijiet ohra, l-bieb tal-garaxx.

11. Hu wera lil Schembri bieb jiswa €800. M’ghogbux u ried iehor, *insulated panel door*, li kien jiswa ferm aktar u hawn laqqghu ma Michael Balzan. Minn hawn ma kellu x’jaqsam xejn aktar bejn Schembri u Balzan. Meta saret il-konsenja hu kien barra l-progett. Fil ftit ordnijiet ohra lil Balzan, hu kien jiffirma ghall-ordni hu.

12. Dwar il-fattura *a fol* 13, datata 13.05.2009 qal “diga kelli dizgwid mas-Sur Schembri rigwardanti bilanc ta’ pagamenti…” Schembri kien anke biddel is-serratura tal-fond f’April 2009. Kien sar tentativ ta’ kuntratt bejniethom (bl-assistenza tal-avukati rispettivi) izda dan baqa ma giex firmat.

13. Ma Schembri hu baqa skopert. Schembri **qatt ma tah flus ghall-bieb mertu tal-kawza**. Gie prezentat mill-attur id-Dok LB1 (*af fol* 35 *et seq*) dwar dettalji tax-xoglijiet fil-fond “Madonnina”.

14. Spicca jghid li hu kien "inzerta" prezenti meta twahhal il-bieb. Balzan kellu xoghol ta' xi zewg garaxxijiet u hallsu. Gew esibiti wkoll Dok KGP1 sa 5 u *a fol* 45 hemm spjegat il-kontenut.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

i. Quddiemu t-TRIBUNAL ghandu kwistjoni bejn il-kontendenti u Emanuel Schembri, sid il-fond "Madonnina" fejn tqieghed il-bieb ta' garaxx li dwaru hi l-kawza baqa ma ssejjahx fil-kawza. Il-linja difensjonali tal-konvenut hi li m'ghandu jati xejn **hu** lis-socjeta' attrici izda tal-bieb ghandu jhallas direttament is-sid.

ii. Konsiderazzjoni ohra hi din: il-bieb tqieghed f'postu, jidher li qed isir minnu l-uzu li ghalih kien mahsub u s-sid hu kuntent b'dan l-bieb.

iii. Meta jaghrbel ix-xhieda mressqa quddiemu jidher li ma Michael Balzan tkellem il-konvenut bhala *turnkey contractor*. Jidher li tkellem f'ismu. Imqabbad minn Schembri iva, imma dan ifisser biss li Schembri fisser lill-konvenut x'ried. Imbaghad kellu jkun il-konvenut li, f'ismu, jittratta ma manifattur jew "supplier" ta' bieb. Schembri ffaccja lil Balzan biss biex jara l-bieb maghzul mill-konvenut kienx joghgbu.

iv. Jirrizulta li bejn Schembri u l-konvenut qam dizgwid dwar l-arangamenti finanzjarji ta' bejniethom u ghal dan is-socjeta' attrici kienet u hi estraneja.

v. Michael Balzan fix-xhieda tieghu kien enfatiku dwar kemm-il darba kkomunika verbalment, telefonikament u bl-SMS dwar il-hlas u l-konvenut dejjem kien iwieghed li ser ihallas. Meta gie rinfaccjat bi proceduri legali, il-konvenut bidel il-pozizzjoni teighu u beda jghid li d-debitur tas-socjeta' attrici ma kiens hu izda kien Em. Schembri. Il-konvenut ma rnexxilux iwaqqa din il-parti tax-xhieda ta' Michael Balzan.

vi. Jigi notat ukoll li hadd m'attakka il-"quantum" bhala tali mitlub mis-socjeta' attrici u dan il-"quantum" hu mwettaq bix-xhieda ta' Michael Balzan.

**DECIZJONI**

**It-TRIBUNAL**

Meta jqis dak kollu migjub hawn fuq jiddeciedi billi (1) **jichad** l-eccezzjoni tal-konvenut Kurt Galea Pace (2) **jilqa** t-talba attrici (3) **jikkundanna** lill-konvenut biex ihallas lis-socjeta' attrici il-*quantum* mitlub ta' elf, disa' mija, hdax il-Ewro u sittin centezmi (€1,911.60c) (4) **jikkundannah** ihallas fuq dan l-ammont, l-imghax mis-26 ta' Jannar 2010 sal-jum tal-pagament effettiv u (5) **jikkundannah** ihallas l-ispejjes tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------